MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2004

Numru 398/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Norbert Ciappara**
**V**

**LEE TABONE VALLETTA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **LEE TABONE VALLETTA** ta' tnejn w ghoxrin sena, bin Leofirc u Maria Nee Beeston, imwieled Pieta nhar t-tmienja ta' Lulju 1982 u residenti 'Ghorfa', Vajrita Street, M'Scala, detentur tal-karta tal-identita numru 365682M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tletin ta' Lulju 2004 f'dawn il-Gzejjer u l-ahhar xahrejn ta' qabel din d-data, kellu fil-pussess tieghu id-droga Kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond d-disposizzjonijiet tar-raba w is-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja

jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond r-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament numru tmienja tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi [GN 292/1939] kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli f'dawn il-Gzejjer fit-tletin ta' Lulju 2004 kellu fil-pussess tieghu medicina restretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament numru 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(b) u 102A u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-fiat tal-Avukat Generali, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja u dan ai termini tal-artikolu 22 sub artikolu 2 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta esibit f’dan l-atti datat erbgha ta’ Awissu 2004.

Rat il-fiat tal-Avukat Generali mahrug ai termini tal-artikolu 120A sub artikolu 2 tal-Kap 31 tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika w il-Professjonijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha datat wkoll erbgha ta’ Awissu 2004.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hamsa ta’Awissu 2004, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid

jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b'hekk m'inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrat fuqha u ghaldaqstant ghandu jigu trattat bhalikieku huwa *a first time offender*;

3. Rat wkoll l-verbal tal-Prosekuzzjoni u cioe li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni kollha kif sahansitra jirrizulta minn dak li ntqal f'dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant il-Qorti thoss li l-piena idoneja f'dawn ic-cirkostanzi ghandha tkun dik ta' Probation Order.

**Il-Qorti** ghalhekk ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta **tiddedecidi li tillibera lil imputat LEE TABONE VALLETTA bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' sena mill-lum.**

Oltre dan tpoggi lil istess imputat taht ordni ta' supervizzjoni ta' Probation Officer liema ufficjal ghandu nominat mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

<u>Tinnomina finalment lil Godwin Sammut sabiex jirtira minn dawn l-atti d-dokument esibit konsistenti fi droga sabiex din tigi distrutta</u>.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------